# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 06**

Il-Ħamis 24 t'Ottubru 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 24 t'Ottubru 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia - Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 06.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

06.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri tal-Kunsill preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

06.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 04 u l-minuti tal-laqgħa b'urġenza bin-numru 05 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

06.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

06.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 06.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

06.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li wara diskussjonijiet mal-Ministeru għas-Saħħa u L-Anzjanita' Attiva, il-Kunsill Lokali Il-Munxar jista' jamministra mill-uffiċċju tiegħu sabiex jagħti l-vaċċin tal-influwenza staġjonali u l-booster tal-COVID19 lill-persuni li għandhom 18-il sena jew aktar, kif ukoll it-tilqima tal-PCV20 għall-persuni li għandhom 65 sena jew aktar. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex il-Kunsill iqabbad tabib biex jamministra dawn it-tilqim u jinħareġ avviż li jitqassam lir-residenti.

06.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet mal-awtorita' Identita' sabiex isir it-tiġdid tal-karta tal-identita' minn ġewwa l-irħula.

Kunsill Lokali Il-Munxar

06.3.3 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex issir ħarġa kulturali f'Malta fix-xahar ta' Novembru. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan fejn fost l-oħrajn inżuru s-sit preistoriku Għar Dalam u r-raħal pittoresk ta' Marsaxlokk.

06.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara xhur ta' diskussjonijiet mal-awtorita' Infrastructure Malta, ġew fi tmiemhom ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-*islipway* ta' mal-moll tax-Xlendi. Huwa informa lill-membri li hemm il-ħsieb ukoll li jsir xogħol fuq l-*islipway* l-antika li kienet taqdi l-bżonnijiet tal-opri tal-baħar iż-żgħar, u ġie deċiż sabiex issir konsultazzjoni mas-sajjieda u s-sidien tal-opri tal-baħar.

06.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li qed joqrob ix-xahar ta' Diċembru u fil-laqgħa li jmiss ser jiġu diskussi l-attivitajiet tal-Milied u ta' Jum Il-Munxar.

## 06.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

06.4.1 Il-Viċi Sindku, Carmela Parnis staqsiet dwar il-possibilita' sabiex isir xogħol ta' żbir u tindif tal-palm li jinsabu fi Triq 12 ta' Diċembru 1957 fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

06.4.2 Il-Kunsillier, John Farrugia staqsa dwar ir-*railing* fit-tarf ta' bankina fi Triq Damasku li tagħti għal fuq ir-riħ tal-pjazza fil-Munxar u dwar il-*bin* għall-Pjazza tal-Knisja. Is-Sindku wieġeb li dak ir-*railing* huwa ordnat u l-Kunsill qed jistenna lill-ħaddied sabiex jiġi nstallat. Dwar il-*bin*, is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-kwotazzjonijiet u kien hemm qbil mill-membri għal dan l-akkwist.
Il-Kunsillier John Farrugia staqsa wkoll dwar il-ftehim 'Ġonna Fl-Urban' mal-Ministeru Għall-Agrikoltura, Is-Sajd U D-Drittijiet Tal-Annimali għall-akkwist tas-siġar taż-żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li wara li ġie ffirmat dan il-ftehim, il-Kunsill ma rċieva xejn aktar.

06.4.3 Il-Kunsillier John Cassar staqsa dwar il-proposta tal-magna ta' BCRS Malta Ltd jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kellu komunikat mas-Sur Matthew Dimech mill-amministrazzjoni ta' din il-kumpanija iżda ma kien hemm l-ebda żvilupp.
Il-Kunsillier John Cassar staqsa wkoll dwar il-problema tal-ilma ta' Triq San Xmun fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li kemm il-Korporazzjoni tas-

Kunsill Lokali Il-Munxar

Servizzi tal-Ilma kif ukoll is-sezzjoni tas-Sanita' fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar qed jaħdmu fuq dan il-każ.

## 06.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

06.5.1 Dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni tad-daħla tal-Munxar, is-Sindku għarraf lill-membri li l-kuntrattur mistenni jkompli x-xogħlijiet f'Novembru wara li ġew preżentati s-*samples* tal-kurduna lill-Perit tal-Kunsill u kien hemm qbil dwarhom. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, sabiex waqt ix-xogħlijiet ta' skavar isir monitoraġġ fil-preżenza ta' arkeologu. Ġiet preżentata kwotazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv għal dan is-servizz u kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex il-Kunsill jaħtar arkeologu.

06.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li kien sar xogħol ta' tisħieħ fid-distribuzzjoni tal-elettriku minn Enemalta PLC qabel is-Sajf fix-Xlendi, fil-ġimgħat li ġejjin mistenni jibda x-xogħol tal-kisi tat-toroq affetwati bit-tarmakk.

06.5.3 Dwar il-proġett propost sabiex isir bust tal-Professur Ġuże' Aquilina, is-Sindku ppropona sabiex il-ftehim ta' finanzjament mill-Aġenzija LESA jiġi estiż. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

06.5.4 Dwar il-proġett tal-installazzjoni ta' CCTV cameras madwar il-lokalita' taħt l-iskema SPI/SCI/04/2023, is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħlijiet ġew konklużi u l-pagament ser jersaq għall-approvazzjoni tal-membri biex tkun tista' ssir il-*claim* finali.

06.5.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill mistenni jibda jippjana fuq it-tkomplija tar-*railing* fi Triq San Xmun fix-Xlendi madanakollu l-Kunsill għadu qed ifittex sorsi ta' finanzjament għal dan il-proġett.

06.5.6 B'referenza għall-iskema SPI/SCI/2/2024, is-Sindku għarraf lill-membri li l-ftehim tal-aċċettazzjoni ġie ffirmat fil-jiem li għaddew.

06.5.7 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsill ser ikompli wkoll il-ħidma tiegħu biex jorganizza r-raba' edizzjoni tal-"Fireworks and Gastronomy Festival 2025" fejn il-Kunsill diġa' ottjena fondi permezz tal-iskema SPI/SCI/52024.

Kunsill Lokali Il-Munxar

06.5.8 Dwar il-proġett tal-*Waste Depot* tax-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li hekk kif ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għat-tbattil ta' dawn il-kontenituri, kif approvat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill li saret b'urġenza, is-Sindku ppropona sabiex il-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul minn William Sultana, l-Accountant tal-Kunsill Daniel Galea u l-Inġinier Mario Cauchi bħala evalwaturi filwaqt li is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku jservu fil-bord bħala segretarju u *chairperson* rispettivament. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

**06.6 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*:**
**Jannar 2024 – Settembru 2024 (It-Tielet Kwart);**

06.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2024 sat-30 ta' Settembru 2024 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart Jannar 2024 – Settembru 2024 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**06.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

06.7.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Karaoke Night minn Barbos Tiki Bar – Triq Ir-Rabat, Xlendi – 5 ta' Novembru 2024;
- Attivita' Soċjali: Rużarju fil-beraħ – Triq 12 ta' Diċembru 1957, Il-Munxar – 30 t'Ottubru 2024;
- Attivita' Soċjali: Mixgħela tal-Qaddisin – Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar – 3 ta' Novembru 2024;
- Filming – Sanap Cliffs area l/o Triq Zgħawri, Il-Munxar – 3 ta' Novembru 2024;
- Attivita' Soċjali: Static Car Show – Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar – 17 ta' Novembru 2024.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill, u, il-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

06.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar it-tilqim staġjonali mill-uffiċini tal-Kunsilli. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jimxi u jsegwi d-direttivi li joħorġu minn din il-korrispondenza.

Kunsill Lokali Il-Munxar

06.7.3 Ċirkulari Nru AKL 2024/057 – Invitation to the "Young Elected Officials Academy" 1st Edition 14-16 October, online. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.4 Ċirkulari Nru AKL 2024/058 – Ġbir tad-dati tat-twelid membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi, u l-ħaddiema fi ħdan il-Kunsilli Reġjonali/Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser jissottometti l-informazzjoni rikjesta.

06.7.5 Ċirkulari Nru AKL 2024/059 – RIGHTS Training – Fourth Round. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.6 Ċirkulari Nru AKL 2024/060 – Commemorating World Mental Health Day – 10th October – Lighting Up Public Buildings in Green. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.7 Ċirkulari Nru AKL 2024/061 – LORDIMAS: free tool to assess digital maturity. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.8 Ċirkulari Nru AKL 2024/062 – Eco Schools: The Green Flag and Sustainable Mobility Award Ceremony 20/11/2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.9 Ċirkulari Nru AKL 2024/063 – Wordpress Fundamentals Training Programme. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.10 Ċirkulari Nru AKL 2024/064 – Day Training on Socially Responsible Public Procurement in Valletta, Malta 18th November 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.11 Ċirkulari Nru AKL 2024/065 - Active Ageing and Community Care – latest version of the Elderly services application and the new Telecare application. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/066 – Christmas Get Together Gala Night 2024: 14/12/2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.13 Ċirkulari Nru AKL 2024/067 – SEM PROJECT DEVELOPMENT AND WRITING Training Session 30/11/2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

06.7.14 Ċirkulari Nru AKL 2024/069 – ICLEI Member Webinar – Impactful Cities: Reducing CO2 emissions through the power of procurement. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2024/070 – Laqgħ tas-Sindku u Teambuilding 29/11/2024 – 30/11/2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2024/071 – Award in English Writing and Reading for Business Management. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2024/072 – Post Vakant Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali: Assistent Prinċipal Skala 11. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2024/073 – Post Vakant Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali: Uffiċjal Eżekuttiv Skala 13. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2024/074 – Stedina fuq il-programm Motorsmt imxandar fuq TVMSport+. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.20 Ċirkulari Nru AKL 2024/075 – Festin tal-Milied għat-tfal, tal-Membri Eletti u ħaddiema fi ħdan il-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali 21/12/2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.21 Ilment 44/2024
Resident jilmenta li xi ħadd fl-inħawi ta' Triq L-Isqawi fil-Munxar qed jiżbor is-siġra tal-ġnien ta' quddiem ir-residenza tiegħu u jiddisponi mill-friegħi fl-għalqa tal-ilmentatur. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jitressaq waqt il-laqgħa ta' kull xahar mal-Pulizija.

06.7.22 Ilment 45/2024
Resident jilmenta dwar terrapien u żibel ieħor li qed jintrema fit-tarf ta' Triq Iż-Żirżieb fix-Xlendi bil-konsegwenza li qed ikun hemm preżenza ta' ġreiden. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi kif ukoll għand l-Awtorita' tal-Ippjanar.

06.7.23 Ilment 46/2024
Resident jissuġġerixxi sabiex tiġi nstallata *road hump* fi Triq Dun Spir Gauci fil-Munxar minħabba sewqan eċċessiv. Ma kienx hemm qbil mill-membri dwar dan is-suġġeriment.

Kunsill Lokali Il-Munxar

06.7.24 Ilment 47/2024

Resident jitlob sabiex isiru *double yellow lines* kull naħa tal-garaxx tiegħu kif ukoll faċċata tal-istess garaxx. Kien hemm qbil mill-membri dwar id-*double yellow lines* tal-ġnub ta' dan il-garaxx iżda ma kienx hemm qbil dwar *double yellow lines* faċċata tal-garaxx.

06.7.25 Ilment 48/2024

Residenta tilmenta dwar l-istat tal-*picnic tables* li jinsabu fil-passaġġ ta' taħt Triq il-Kantra fix-Xlendi. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill kien prova jibdel il-listi tal-imwejjed li huma maħruqin iżda ma sabx fis-suq. Għaldaqstant huwa informa lill-membri li l-Kunsill qed jistenna eżitu ta' applikazzjoni għall-fondi Ewropej li fost affarijiet oħra tinkludi *picnic tables* ġodda.

06.7.26 Ilment 49/2024

Persuna tissuġġerixxi sabiex jinbidel *railing* eżistenti mal-moll tax-Xlendi minħabba li ssaddad, kif ukoll estensjoni tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar.

06.7.27 Ilment 50/2024

Residenta tilmenta dwar terrapien, irdim u ħamrija mitfugħa illegalment f'tarf Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi maġenb il-passaġġ tal-Mitħna Sotterranja. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi kif ukoll għand l-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 06.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

06.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 06/2024-9 għall-perjodu bejn l-24 ta' Settembru 2024 u l-24 t'Ottubru 2024 li tammonta għal €46,582.47 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 06.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

06.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 21 ta' Novembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 21 ta' Novembru 2024.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar